C/2024/2381

27.3.2024

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2024/2381)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 202, fin-Nota ta' Spjegazzjoni għas-subintestatura NM ***"3924 90 00 Oħrajn", jiddaħħal it-test li ġej wara t-test eżistenti:***

"Din is-subintestatura tinkludi wkoll prodotti magħmula minn kombinamenti ta' materjali tal-karta bħall-polpa tal-karta, il-karta, il-wattiet taċ-ċelluloża jew l-insiġ tal-fibri ċellulożi b'polimeru superassorbenti (SAP) (eż. protezzjoni għas-sodda għall-pazjenti b'inkontinenza jew training pads għall-klieb). Il-funzjoni ewlenija ta' prodotti bħal dawn hija l-assorbiment ta' fluwidi milwiema. L-SAP iżomm b'mod effettiv il-fluwidi milwiema fil-qalba tal-prodotti u għalhekk jagħti lill-prodotti l-karattru essenzjali tagħhom. Il-materjali tal-karta jiffaċilitaw b'mod partikolari l-assorbiment inizjali u t-trasport tal-fluwidi milwiema lejn l-SAP.

F'konformità man-Nota 2(z) tal-Kapitolu 39, il-prodotti tal-intestatura 9619 huma esklużi minn din is-subintestatura (ara wkoll in-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 96)."

Fil-paġna 231, fin-Nota ta' Spjegazzjoni għas-subintestaturi NM ***"4818 90 10 u 4818 90 90 Oħrajn", jiddaħħal it-test li ġej wara l-ewwel paragrafu:***

"Dawn is-subintestaturi ma jinkludux il-prodotti magħmula minn kombinamenti ta' materjali tal-karta bħall-polpa tal-karta, il-karta, il-wattiet taċ-ċelluloża jew l-insiġ tal-fibri ċellulożi b'polimeru superassorbenti (SAP), fejn il-funzjoni ewlenija tal-prodott hija ż-żamma tal-fluwidi milwiema permezz tal-SAP (ara n-nota ta' spjegazzjoni tas-subintestatura 3924 90 00, it-tielet paragrafu)."

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

([2]) ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.